MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Appell Civili Numru. 16/2012

**JOSEPH CASSAR**

**Vs**

**PAUL GAUCI**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza ippronunjzata mit-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur imoghtija fid-09 ta’ Awwissu 2012 fejn gie deciz:-

*“It-Tribunal*

*Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi ipprezentati fis-17 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab l-ammont ta' elfejn, sitt mija u ghaxar ewro (€2,610) rapprezentanti hsarat fil-vettura li kien xtara minghand l-intimat.*

*L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.*

*Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti u wara li sema' x-xhieda guramentata tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;*

*Ikkunsidra s-segwenti:*

*Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien mar ghand l-intimat u sabu vettura minn fuq l-internet, liema vettura ghogbitu, u l-intimat offra li jhallas kollox hu u jgibhielu Malta. Meta l-vettura giet Malta, kellha diversi hsarat fil-fuel injectors u ghalhekk ir-rikorrenti qed jitlob id-danni taghhom.*

*L-intimat da parte tieghu issottmetta li hu ma kellu l-ebda vettura u li sempliciment wassalhielu Malta fuq struzzjoni tieghu u li hallas ghall-affarijiet kollha biex imbaghad jithallas lura.*

*It-Tribunal jinnota illi:*

*It-Tribunal sema' l-verzjoni tal-partijiet, illi wiehed qed jghid illi l-vettura nxtrat mill-intimat u li r-rikorrenti hallas ghal kollox inkluz il-vettura u l-ispejjez sabiex tingab Malta. Minn naha l-ohra l-intimat qed jissottometti illi huwa agixxa biss bhala agent ghalkemm wassallu l-vettura Malta.*

*It-Tribunal, jinnota li dawn huma argumenti legittimi u li bilfors ihallu certu konfuzjoni f'mohh il-gudikant minhabba l-fatt illi t-termini legali ma kienux cari meta sar in-negozju.*

*Pero' t-Tribunal ihoss li l-intimat ghandu certu obbligi minhabba l-fatt li ha r-responsabbilita' kollha sabiex jurihielu u jwssallu l-vettura Malta u jithallas tax-xoghol tieghu. Pero' xorta jibqa' l-fatt illi ma kienux ftehmu fuq konsegwenzi jekk il-vettura jkollha xi hsarat.*

*It-Tribunal, ukoll jinnota li din il-konfuzjoni jew nuqqas ta' carezza, l-ebda parti ma tista' tibbenefika minnha, anke minhabba l-fatt li r-rikorrenti ma enfasizzax fuq konsegwenzi ta' hsara, kif ukoll l-intimat baqa' sieket fuq xi konsegwenzi ta' hsarat tal-vettura.*

*Ghal dawn il-motivi:*

*It-Tribunal, b'ekwita' jiddeciedi illi jilqa' t-talba parzjalment tar-rikorrenti, billi jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' elf u tliet mitt ewro (€1,300), u bl-ispejjez jigu supportati ugwalment bejn il-partijiet."*

Minn din is-sentenza l-intimat Paul Gauci ħassu aggravat u interpona l-preżenti appell fejn ilmenta in sintezi illi gialdarba it-Tribunal kien wasal ghal konkluzjoni illi hu ma kienx il-venditur tal-vettura in kwistjoni u l-anqas seta jigi ikkunsidrat bhala agent tal-venditur esteru, kwindi imbaghad ma setax abbazi ta'l-ekwita jikkundannah ihallas nofs l-ammont pretiz mir-rikorrenti. Anke jekk ghall-grazzja ta'l-argument huwa kellu jtiqies bhala venditur cetament ma kellux l-obbligu li joffri garanzija ghal diffetti dovuti in konnessjoni ma' *wear and tear* kif sehh fil-kaz ta' din il-vettura mixtrija *seconda man*.

Ir-rikorrenti appellat Joseph Cassar xtaq jixtri karozza *seconda mano*. Ġara illi huwa u missier l-intimat appellant Paul Gauci kienu ħbieb. Irrizulta illi l-appellanti kien jaħdem f'*service station* u xi daqqiet kien jimporta l-karozzi *seconda mano* minn barra minn Malta. Ir-rikorrenti appellat Joseph Cassar mar ghand appellanti Paul Gauci sabiex isibu vettura minn fuq l-*internet* u meta l-appellat għogbitu vettura in partikolari, Gauci offra li jhallas kollox hu sabiex iġib din il-vettura hawn Malta, imbagħad jitħallas mingħand l-appellat meta din tinġieb Malta. Gara izda illi ftit gimghat wara li l-vettura waslet Malta u giet ikkonsenjata lir-rikorrenti zvillupawlha diversi hsarat fil-*fuel injectors* u ghalhekk ir-rikorrenti appellat Joseph Cassar talab għad-danni quddiem it-Tribunal.

Illi fis-sentenza moghtija t-Tribunal josserva illi l-partijiet kienu qiegħdin jagħtu żewġ verżjonijiet differenti, izda kien tal-fehma illi l-appellanti madanakollu xorta wahda kellu certu obbligi minhabba l-fatt li ha r-responsabbilita' kollha

sabiex juri u jwassal il-vettura Malta lil Joseph Cassar. It-Tribunal osserva illi l-partijiet ma kienux ftehmu dwar x'kellu jiġri fl-eventwalita illi l-vettura jkollha xi hsarat. Ghalhekk fuq bazi ta' ekwita' t-Tribunal ghadda biex jilqa't-talba parzjalment tar-rikorrenti appellat Joseph Cassar.

Illi l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi t-Tribunal għandu jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu prinċipalment skont l-ekwità. Dana ma ifissirx madanakollu illi id-dettami tal-ligi kellhom jigu injorati. Jingħad ghalhekk illi l-ewwel ħaġa li kellha tiġi stabbilita mit-Tribunal kienet jekk ir-rikorrenti kellux dritt fil-konfront tal-intimat, u ċioe jekk l-azzjoni tal-appellat kienetx proponibbli. Imbagħad, jekk dan ikun il-każ, it-Tribunal kellu jagħmel riferenza ghall-principju tad-dritt ekwitattiv. ***Din l-ekwita tigi ezercitata meta l-attur ikollu dritt u ma jistax jigi suggragat hlief tramite l-operat tal-ekwita.*** **Blye Engineering Co. Ltd. Vs Balzan Victor, AĊ 23/06/2004**.

***M'ghandux ikun dubitat jew kontrovers illi biex il-valutazzjoni ekwitattiva tigi sew applikata jokkorri li wiehed jadotta l-mudell konswet tal-missier tajjeb tal-familja fil-konsiderazzjoni tac-cirkostanzi u tal-fatti maghrufa, pervenuti fil-process, u janalizzahom skond il-kriterji tad-diligenza komuni. Dan necessarjament ifisser gudizzju li jaghti debita konsiderazzjoni lil kwadru shih tal-vertenza.*** Imbagħad tkompli hekk ***l-gudizzju ta' l-ekwita`hu ntiz proprju biex jimla l-lakuna tan-nuqqas tal-prova.*** **Vella Edwin Vs Briffa Joanna, AĊ, 07/05/2004**

Din il-Qorti tosserva illi l-ekwita minnha innifisha trid li ssir ġustizzja. Pero in linea mal-insenjament tal-Qrati tagħna hawn fuq ikkwotat, kien biss wara illi jiġi stabbilit mit-Tribunal illi l-appellat kellu azzjoni fil-konfront tal-appellanti, illi t-Tribunal seta jagħmel riferenza għall-prinċipju tad-dritt ekwittattiv. Fil-fatt

it-Tribunal stess fid-decizjoni tieghu jsibha difficli sabiex jistabbilixxi in-natura guridika tan-negozju intrapriz bejn il-partijiet tant illi ghalhekk ghadda biex iddecieda il-kawza fuq bazi ta’ ekwita’.

Jingħad illi f’din it-tip ta’ relazzjoni bejn il-partijiet fil-kawża odjerna, l-appellanti ma jikkwalifikax bħala venditur. Jibda sabiex jingħad illi fl-avviż promotur, l-appellat kien qal hekk “***Jiena xtrajt karozza li ġabieli mill-Ingilterra”***. Jiġifieri, sa’ mill-bidu anke f’moħħ l-appellat stess, l-intiża kienet illi x-xerrej kien l-appellat, u illi l-appellanti sempliċiment xtara għan-nom tieghu. Huwa sinifikattiv ukoll illi oriġinarjament, l-arranġament bejn il-partijiet f’din il-kawża kien illi jitilgħu flimkien l-Ingilterra sabiex imbagħad iniżżlu l-vettura minn hemmhekk flimkien. Dan juri illi ma kienx l-appellanti illi kellu jixtri l-vettura iżda l-appellat innifsu. Inoltre jingħad illi l-partijiet ma ftehmux bejniethom dwar il-prezz għal din il-vettura. Il-prezz kien ġie speċifikat mill-venditur fuq is-sit tal-internet, u waħda mill-elementi tal-kuntratt tal-bejgħ hija illi l-partijiet ikunu qablu dwar il-prezz. Iżda sar l-ftehim bejn il-partijiet illi l-appellanti kellu jirċievi ħlas għal dan is-servizz illi huwa offra lill-appellat, u ċioe li jieħu ħsieb illi l-vettura tinġieb Malta, u illi d-dokumentazzjoni meħtieġa għal din l-importazzjoni tkun kollha f’postha.

Issa ġaladarba huwa bil-wisq evidenti illi l-appellanti ma jikkwalifikax bħala venditur, huwa allura ma għandux l-obbligu li jaghti l-garanzija ghall-oggett mibjugh. Kif jgħid tajjeb l-appellanti fl-ewwel aggravju, il-partijiet lanqas qatt ma ftehmu dwar xi garanziji jekk il-vettura tiżviluppa xi ħsarat. Għalhekk huwa ma kellux jinżamm responsabbli għad-danni illi l-appellat sofra minħabba ħsarat li żviluppaw fil-vettura li ma kenitx giet mibjugha lilu minn Gauci, izda minn terza persuna.

Illi l-appellanti fit-tieni aggravju minnu interpost jilmenta illi it-Tribunal għamel żball ieħor meta ikkonkluda illi huwa kien aġixxa bħala agent tar-rikorrenti f'dan in-negozju ta' kompro-vendita, meta dan ma kienx il-kaz. Isostni illi ma hemm l-ebda rapport bejnu u bejn il-venditur esteru tal-vettura mertu tal-każ odjern u li kieku dan kien il-kaz ir-rikorrenti messu agixxa kontrih, mhux personalment iżda *qua* agent tal-venditur esteru.

Illi l-artikolu 70A. tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi *"**aġent tal-kummerċ" tfisser persuna li ma jkunx impjegat mal-prinċipal, li jkollu awtorità kontinwa li jinnegozja l-bejgħ jew ix-xiri ta' oġġetti jew servizzi għan-nom ta' xi persuna oħra (il-prinċipal), jew li jinnegozja u jikkonkludi l-bejgħ jew ix-xiri ta' oġġetti jew servizzi bħal dawk għal u f'isem dak il-prinċipal".***

Illi minn qari ta' dina id-disposizzjoni tal-ligi, allura johrog car illi lanqas dina il-figura guridika ma libes l-appellanti billi ma kienx hemm dana ir-rapport kummercjali stabbilit bejnu u bejn il-venditur esteru.

Illi fis-sentenza **Cauchi Ne. Vs Giuseppe Debono Ne**, deciza mill-Qorti ta'l-Appell fit-18 ta' Gunju 1954, agent tal-kummerc gie imfisser bħala dak li hu inkarikat, fil-fiss u personalment, minn ditta wahda jew izjed ta' barra, sabiex imexxilhom l-affarijiet taghhom f'dawn il-Gzejjer u jibaghtilhom l-ordnijiet ghall-accettazzjoni. Imma biex wiehed jista' jinghad li hu agent tal-kummerc, mhux bizzejjed li hu jkun jaghmel xi operazzjonijiet mad-dar ta' barra li fihom hu jesplika l-funzjonijiet ta' agent: izda jehtieg li hu jkun gie kostitwit mid-dar ta' barra bhala agent taghha ghal Malta. Jingħad illi ma jirriżulta ebda rapport ġuridiku ta' dan it-tip bejn il-venditur esteru tal-vettura u l-appellant. Inoltre jiġi osservat illi li kif tajjeb isostni l-appellanti, li kieku huwa kien aġent, l-appellat

kellu jaġixxi kontra tiegħu qua aġent tal-venditur esteru u mhux f'ismu personali.

Marbuta mal-ewwel zewg aggravvji ghalhekk fit-tielet aggravvji sollevat l-appellanti jgħid illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati għaliex huwa ma għandu x'jaqsam xejn max-xiri tal-vettura. Jgħid illi kien it-Tribunal stess illi aċċetta illi l-appellanti qatt ma aġixxa qua venditur. Jiġi osservat illi oriġinarjament il-pjan kien illi l-partijiet f'din il-kawża jmorru l-Ingilterra flimkien. Jirriżulta mill-atti iżda illi r-rikorrenti biddel fehmtu u minflok talab lill-appellanti jsiblu l-vettura minn fuq l-*internet*. L-appellanti aċċetta li jagħmel dan, u wara illi l-appellat għażel liema karozza jrid minn fuq l-*internet*, l-appellanti aċċetta illi jieħu ħsieb it-trasport tal-vettura lejn Malta mill-Ingilterra. L-appellanti kellu jħallas lill-venditur esteru u sussegwentement ir-rikorrenti jghaddilu il-prezz u l-ispejjez maghmula ghat-trasport.

Jirriżulta illi l-appellanti għadda lill-appellat id-dokumenti kollha relattivi għall-bejgħ tal-vettura u ċioe d-dokumenti bankarji illi juru l-ammont illi ġie trasferit kif ukoll l-ammont imħallas f'taxxa ta' reġistrazzjoni. Dan kollu huwa indikattiv illi l-appellanti kellu sempliċiment jittrasportahielu mill-Ingilterra lejn Malta.

Premess dan, hu dispost fl-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili, illi **"kull min jonqos li jezegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni".** Issa mill-atti kif diga gie ampjament ippuntwalizzat l-obbligazzjoni assunta mill-appellanti kienet li jiehu hsieb jaghmel l-akkwist tal-vettura maghzula mill-appellat ghan-nom tieghu u sussegwentment li jittrasportaha lejn Malta. Ma jidhirx mill-atti probatorji illi l-intimat appellanti naqas b'xi mod mill-obbligazzjoni minnu assunta billi dak mitlub jaghmel mill-

appellat huwa esegwieh minghajr ebda xkiel w intoppi. Sa hawn kienet l-obbligazzjoni tieghu u sa hawn kwindi ghandu jwiegeb.

Illi billi l-ewwel tlett aggravvji ser jigu milqugha, il-Qorti ma tarax li ghandha tinoltra ruhha fl-ahhar aggravvju gjaldarba gie stabbilit illi in-negozju intrapriz bejn il-partijiet ma kienx wiehed ta’ kompro-vendita u lanqas ta’ agenzija ghal venditur esteru u kwindi l-intimat appellanti qatt ma seta jinzamm responsabbli ghal xi difett latenti li zviluppat fil-vettura wara l-konkluzjoni tal-bejgh. Kwindi it-talba attrici kellha tigi diretta kontra il-venditur u mhux kontra l-intimat appellanti.

Ghaldaqstant ghal motivi hawn fuq migjuba l-appell qed jigi milqugh u is-sentenza appellata revokata.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ikunu ghak-karigu tal-appellat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------